# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru. 601/2024MH**
**Numru:9**

**Panta Contracting Limited (C15725)**

**Vs**

**Alison Investments Limited (C77176)**

Il-Qorti.

Rat ir-rikors ġuramentat ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie premess u mitlub bil-ġurament ta' Henry Attard karta ta l-identita numru 682951(M) debitament awtorizzat, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi

kif ġej:

1. *“Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas socjeta konvenuta fl-ammont ta mija u wiehed u ghoxrin elf, hamsa u sebghin punt sebgha tlieta Ewro (€121,057.73) rapprezentanti prezz ta’ xoghol u kwantita ta materjal minnha ordnati u accettati skond kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok ‘A";*

2. *Illi skont dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata Dok "B" l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil fehma tas socjeta attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta sabiex din il kawza tigi deciza bid dispensa tas smiegh billi, fil fehma ta l-istess socjeta attrici, is socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghal hlas ta l-imsemmi ammont, anke peress illi l-istess socjeta konvenuta sahansitra ppromettiet li ser thallas l-ammont dovut f'diversi okkazjonijiet, u dan skond kif ser jigi ppruvat waqt it trattazzjoni tal kawza;*

3. *Illi ghalkemm li s-socjeta konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont dovut u dan anke b'mod ufficjali hi baqghet inadempjenti u l-ammont ghadu dovut sa 'llum;*

4. *Illi ghalhekk kellha ssir din il kawza;*

*Ghaldaqstant, ghar ragunijiet hawn fuq premessi, s-socjeta rikorrenti titlob bir rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id dikjarazzjonijiet u l-provedimenti kollha opportuni:*

1. *Taqta u tiddeciedi din il kawza bid dispensa tas smiegh ai termini tal Artikolu 167 sa 170 tal Kapitolu 12 tal Ligijiet ta  Malta;*

2. *Tiddikjara illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas socjeta konvenuta fl-ammont ta mija u wiehed u ghoxrin elf, hamsa u sebghin punt sebgha tlieta Ewro (€121,057.73) rapprezentanti prezz ta’ xoghol u kwantita ta materjal minnha ordnati u accettati skond kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok "A";*

3. *Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis socjeta attrici s-somma ta mija u wiehed u ghoxrin elf, hamsa u sebghin punt sebgha tlieta Ewro (€121,057.73) rapprezentanti prezz ta' xoghol u kwantita ta materjal minnha ordnati u accettati skond kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok "A";*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra legali li ggib id data tat-8 ta Marzu 2023, tal ittra ufficjali li ggib id data tat-18 ta Mejju 2023, u tal mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma din il-kawza kif ukoll l-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali, sad-data tal pagament effettiv kontra socjeta konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ingunti ghas subizzjoni taghhom;"*

Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' Ġunju, 2024.[1]

Rat lis-soċjeta' konvenuta debitament notifikata ma deher ħadd għalija biex jiddefendi t-talba sommarja wkoll il-mertu mressaq.[2]

Semgħet ix-xhieda ta' l-imsemmi Henry Attard[3] li kkonferma d-dovut ukoll li għalkemm ikkommunikaw mall-konvenuta dwar l-istess kreditu baqgħu bla risposta.

Rat l-atti esebiti ma' l-att promotur.

[1] Folio 8.
[22] Folio 13.
[3] Seduta 15 ta' Lulju, 2024

Konsegwentement, anke wara li semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli avukat difensur, qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kif dedotti u b'hekk;

**1. Taqta u tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. Tiddikjara illi s-soċjeta attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta konvenuta fl-ammont ta' mija u wieħed u għoxrin elf, ħamsa u sebgħin punt sebgħa tlieta Ewro (€121,057.73) rappreżentanti prezz ta' xoghol u kwantita ta' materjal minnha ordnati u accettati skond kif jirriżulta mill-istatement hawn anness;**

**3. Tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lis-soċjeta attrici s-somma ta' mija u wieħed u għoxrin elf, ħamsa u sebgħin punt sebgħa tlieta Ewro (€121,057.73) rappreżentanti prezz ta' xogħol u kwantita ta' materjal minnha ordnati u aċċettati skond kif jirriżulta mill-istatement hawn anness;**

**Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra legali li ġġib id-data tat-8 ta' Marzu 2023, tal-ittra uffiċjali li ġġib id-data tat-18 ta' Mejju 2023, u tal-**

**mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma din il-kawza kif ukoll l-imgħax legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali, sad-data tal pagament effettiv.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**